

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

PROVIŻORJU
2006/2212(INI)

19.9.2006

ABBOZZ TA' OPINJONI

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar: Lejn politika uniformi ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-ispettru tar-radju
(2006/2212(INI))

Rapporteur ta' l-opinjoni: Ruth Hieronymi

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li ser jadotta:

1. jappoġġja l-pożizzjoni tal-Kummissjoni, li tgħid li l-komunikazzjoni elettronika diġitali hija ta' importanza fundamentali għall-ekonomija sħiħa, għall-Proċess ta' Liżbona u għall-Istrateġija i2010, u għalhekk titlob revizzjoni tas-sistema ta' amministrazzjoni ta' l-ispettru tar-radju;
2. huwa konvint li 'l quddiem għandu jkun hemm aktar pakketti ta' offerti sofisticati minbarra l-offerta triplika li diġà teżisti: is-servizz tat-telefon, l-aċċess għall-internet u t-televiżjoni ("triple-play"), u li fil-futur il-konfini bejn il-prodotti u s-servizzi fil-qasam tal-komunikazzjoni elettronika se jkunu aktar mċajpra;
3. jiċħad mudell tas-suq unilaterali dwar il-ġestjoni ta' l-ispettru tar-radju u jitlob mill-Kummissjoni revizzjoni tas-sistema ta' amministrazzjoni ta' l-ispettru tar-radju, b'tali mod li l-ko-eżistenza ta' tipi differenti ta' mudelli għall-ġhoti ta' liċenzji, jiġifieri, l-amministrazzjoni tradizzjonali, l-użu mingħajr limitazzjonijiet fin-numru u approċċi ġodda bbażati fuq is-suq, ikunu possibbli; L-iskop għandu jkun il-promozzjoni ta' l-effiċjenza ekonomika u teknika kif ukoll l-użu tajjeb ta' din ir-riżorsa prezzjuża għas-soċjetà;
4. jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, sabiex tiddefinixxi r-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet għall-introduzzjoni ta' mudelli differenti ta' konċessjoni ta' liċenzji, qabel ma jiġu ppreżentati proposti oħra għal mudell ġdid ta' ġestjoni ta' l-ispettru tar-radju;
5. iqis id-definizzjoni tal-Kummissjoni għas-servizzi ta' komunikazzjoni bħala ta' kwalità għolja u ta' kwalità baxxa wisq unilaterali, peress li fil-ġudizzju hija bbażat kollox kważi esklussivament fuq il-profitt ekonomiku u ma tqisx b'mod xieraq l-importanza li s-servizzi radjofoniċi u servizzi tal-medja li jixbħu lil daww tar-radju għandhom għal-libertà ta' informazzjoni u għall-pluraliżmu ta' opinjoni u konsegwentement għad-demokrazija u s-soċjetà, kif ukoll sabiex tkun iggarantita d-diversità kulturali;